**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 26 ta' Gunju, 2019**

**Rikors nru: 99/18 AGV**

AB

Vs

CD u b'digriet tal-24 ta' Jannar, 2018 gew nominati Dr. Graziella Tanti u l-P.L. Hilda Ellul Mercer bhala kuraturi deputati tal-istess CD u d-Direttur tar-Registru Pubbliku

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrent pprezentat fit-23 ta' April, 2018 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi recentement omm l-esponent infurmatu minn hu missieru ghax fuq ic-certifikat tat-twelid tal-esponenti jirrizulta li missier l-esponent huwa ndikat bhala mhux maghruf ossia “unknown father” u dan jirrizulta mic-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat Dok.A.

2. Illi l-intimat konvenut CD jinsab Malta u qieghed ighix gewwa St. Vincent De Paule.

3. Illi ghandu jirrizulta illi l-intimat huwa missier ir-rikorrenti.

Ighid ghalhekk il-konvenut ghar-ragunijiet premessi prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportun ghalfejn m’ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:-

1. Tahtar lil Dr. Marisa Cassar jew kwalsiasi tabib iehor din l-Onorabbli Qorti joghgobha tahtar sabiex twettaq testijiet genetici fuq ir-rikorrent u l-konvenut.

2. Tordna lill-konvenut sabiex flimkien mar-rikorrent ai termini tal-Artikolu 70 A (2) tal-Kap.16 jissottometti ruhu ghat-testijiet genetici quddiem Dr. Marisa Cassar jew kwalsiasi tabib iehor li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tahtar.

3. Konsegwentement jekk jirrizulta illi r-rikorrenti huwa iben il-konvenut tiddikjara u tiddeciedi illi l-istess konvenut huwa l-missier naturali u bijologiku tar-rikorrent u konsegwentement:-

4. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaffettaw l-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid tar-rikorrenti billi fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom il-missier minflok “unknown father” jigi sostitwit b’isem u

kunjom CD u tordna ukoll illi l-partikolaritajiet relattivi ghall-professjoni, sengha jew stat iehor ghall-eta' ghall-post tat-twelid u residenza u ghall-isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet, in kwantu jirreferu ghall-missier l-esponenti jigu korretti kontestwalment billi jigi sostitwiti b'dawk il-partikolaritajiet li sejrin jirrizultaw waqt is-smiegh tal-kawza.

5. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaffetta l-korrezzjoni mehtiega f'kull att iehor u sussegwenti ghal tali certifikat tat-twelid.

Bl-ispejjes kontra l-intimat li huwa ngunt minn issa in subizzjoni.

Rat ir-Risposta ta' Dr. Graziella Tanti u l-PL Hilda Ellul Mercer li eccepew is-segwenti:-

1. Illi l-esponenti kuraturi deputati mhumiex edotti mill-fatti de quo u lanqas jistghu jitkellmu mal-intimat minhabba c-cirkostanzi ta' sahhtu.

Ghaldaqstant, fid-dawl ta' dak suespost, filwaqt li jirrizervaw ghal kull buon fini u jekk ikun hemm htiega, id-dritt ta' risposta ulterjuri flimkien ma' lista ta' xhieda, l-esponenti kuraturi deputati jirrimettu ruhhom ghad-decizjoni tal-Onorabbli Qorti taht dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet illi l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportun.

Rat ir-Risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li eccepixxa s-segwenti:-

1.Illi preliminarjament, l-esponenti teccepixxi illi r-rikorrent fit-tieni talba tieghu ghandu jaghmel referenza ghall-Artikolu 100A tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta). Ghaldaqstant, ghall-integrita' tal-gudizzju ghandha ssir korrezzjoni a tenur tal-Artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan

sabiex l-Artikolu li ghaliha ssir referenza fl-imsemmija talba jigi sostitwit b'Artikolu 100 A tal-Kodici Civili.

2.Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponent tistqarr li mhijiex edotta mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz in kwistjoni hija tirrimetti ruhha ghar-rizultanzi istruttorji.

3.Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex isiru testijiet genetici abbazi tal-Artikolu 100A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan bl-intiza li jigi vverifikat jekk AB huwiex il-wild naturali ta' CD.

4.Illi bla hsara ghas-suespost, f'kaz li jintlaqaw it-talbiet dedotti tar-rikorrenti, l-esponenti tistieden lill-konvenut sabiex jipprezenta d-dettalji personali kollha tieghu permezz ta' nota li tisspecifika senjatament is-segwenti:- (1) in-numru tal-karta ta' identita', (2) ismu u kunjomu, (3) l-eta' tieghu meta twieled AB, (4) il-post tat-twelid tieghu, (5) il-post ta' residenza tieghu meta twieled AB, (6) isem u kunjom missieru u (7) jekk l-imsemmi missier pattern kienx ghadu haj meta twieled AB. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti.

5.Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponent tirrileva illi ghandu jigi ukoll deciz b'mod definittiv liema kunjom ghandu jassumi r-rikorrent a tenur tal-Artikolu 92 (6) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

6.Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponenti tissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi hija m'ghandhiex tigi assoggettata ghall-ispejjes tal-kawza istanti.

7.Salv eccezzjonijjiet ulterjuri.

Bl-ispejjes kontra r-rikorrent li qieghed ingunt in subizzjoni.

Rat id-digriet tad-19 ta' Ottubru, 2018 li biha giet awtorizzata l-korrezzjoni fin-numru tac-certifikat tat-twelid u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku giet sorvolata.

Rat li b'digriet tal-4 ta' April, 2019 giet nominata Dr. Marisa Cassar biex taghmel it-testijiet tad-DNA.

**FATTI**

1. L-attur jikkonferma li twieled fit-2 ta' Ottubru, 1974 minn ommu EB.

2. Fic-certifikat tat-twelid, missier l-attur tnizzel bhala "unknown." Jikkonferma li missieru naturali u biologiku huwa l-konvenut CD u jistqarr li gieli ghamlu xi zmien ighixu mieghu, izda mbaghad kien kecca lil ommu u lilu.

3. L-attur ighid li hu jixbah lill-konvenut CD hafna u in konferma tal-fatt li huwa l-missieru naturali u biologiku tieghu talab li jsiru t-testijiet tad-demm. Ighid ukoll li ommu kellha zewgt itfal ohra minghand il-konvenut u li dawn huma hutu.

4. Dr. Marisa Cassar ikkonfermat li kienet gabret il-kampjuni orali ta' AB u ta' CD sabiex ikunu jistghu jsiru t-testijiet tad-DNA (paternity test ).

Mit-testjiet li zammet irrizulta li CD hu l-missier naturali ta' AB kif jirrizulta mir-rapport PT 1901284.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Kull wild ghandu d-dritt, sakemm ikun sar maggorenni li jitlob li jinbiddilu c-certfikat tat-twelid. Fic-certifikat tat-twelid tal-attur, il-missier gie ndikat bhala "unknown" u dan meta ghex ma' missieru naturali u biologiku u l-istess ommu kkonfermat li hu wild l-istess konvenut CD.

Il-ligi stess tikkontempla li l-aqwa prova li jista' jkun hemm in sostenn ta' dak pretiz mill-attur huma t-testijiet genetici tad-DNA. Dr. Marisa Cassar li zammet dawn it-testijiet ikkonfermat li l-attur huwa bin il-konvenut CD . It-test xjentifiku hekk ikkonfermat bil-gurament, jelimina kull dubbju dwar paternita' tal-minuri. Ghaldaqstant, il-provi migjuba quddiem dina l-Onorabbli Qorti juru bl-aktar mod car u inekwivoku li l-attur huwa bin il-konvenut u ghalhekk il-Qorti tara li m'hemm l-ebda raguni ghalfejn m'ghandhiex tilqa' t-talbiet attrici.

Rat illi d-dettalji tal-konvenut, ai fini tar-registrazzjoni tieghu fuq ic-certifikat tat-twelid tal-minuri li jgib in-numru progressiv 5222/1974 huma s-segwenti:-

1) Isem u kunjom – CD
2) Karta ta' identita'- 0088044M
3) Eta'tal-konvenut meta twieled l-attur - 30 sena.
4) Post tat-twelid tal-konvenut – Zejtun, Malta
5) Il-post tar-residenza tal-konvenut meta twieled l-attur – 2, Sur San Pawl, Bormla.

6) Isem u kunjom missier l-attur – Mhux maghruf.
7) Jekk il-missier pattern kienx haj jew mejjet meta twieled il-minuri – Mhux maghruf.

Ghaldaqstant taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici, bl-ispejjez ghall-konvenut CD.

**Onor. Imhallef Anthony G Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Deputat Registratur**